**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' FRAR, 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 230/2019 RGM**

**Maria Esperanca Castellon Viaplana**

**vs.**

**AquaBio Tech Limited**

**Il-Qorti**

1. B'rikors ġuramentat tal-5 ta' Marzu 2019 l-attriċi fissret li hija kienet impjegata mas-soċjetà konvenuta b'kuntratt tax-xogħol li daħal fis-seħħ fl-1 t'Ottubru 2015 u sussegwentement permezz ta' kuntratt tax-xogħol ieħor tat-2 t'Ottubru 2018. Dan it-tieni kuntratt kellu validità sat-30 ta' Settembru 2020. Ġara però li b'ittra tal-1 ta' Diċembru 2018, l-attriċi ġiet informata li l-impjieg tagħha ġie terminat b'effett immedjat. L-attriċi tipremetti li b'dan il-fatt il-prinċipal kiser il-kuntratt tax-xogħol tagħha u għalhekk ai termini tal-Artikolu 36 (11) tal-Kapitolu 452, is-soċjetà konvenuta trid tħallas lill-attriċi nofs il-paga li kienet tipperċepixxi fil-perjodu rimanenti tal-kuntratt li kieku dan ma ġiex it-terminat. Fissret li nofs il-paga jammonta għal €18,939 jew somma oħra verjuri. Nonostante li l-attriċi interpellat lis-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel dan il-ħlas, dina baqgħet inadempjenti. Għaldaqstant l-attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta kissret il-kuntratt definit tax-xoghol tal-attrici u kwindi hija responsabbli, skond il-ligi, sabiex thallas nofs il-paga illi l-attriċi kienet tippercepixxi li kieku dan ma sarx u l-kuntratt gie mahdum kollu.

2. Tillikwida l-imsemmija nofs paga fl-ewwel talba fl-ammont ta' tmintax il-elf, disa' mija u disa' u tletin Euro (€18,939) jew somma ohra verjuri li tista' tiġi likwidata.

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' tmintax il-elf, disa' mija u disa' u tletin Euro (€18,939) jew somma ohra verjuri li tista' tiġi likwidata in linea mal-premessi u t-talbiet hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti u bl-imghax mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg sad-data tal-hlas effettiv."

2. B'risposta tas-27 ta' Mejju 2019 is-soċjetà konvenuta fissret li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li l-kuntratt tax-xogħol ġie terminat b'mod ħesrem jew li kisret il-kundizzjonijiet fil-kuntratt tax-xogħol tal-attriċi. Eċċepiet li kienet l-attriċi li kisret il-kundizzjonijiet fil-kuntratt tax-xogħol tagħha b'imġieba u nuqqasijiet riprorevoli lejn il-kumpanija u lejn il-kollegi tagħha li jmorru kontra l-obbligi lavorattivi tagħha u kontra l-prinċipju ta' relazzjonijiet industrijali. Is-soċjetà konvenuta spjegat li l-attriċi ħolqot ambjent negattiv fuq il-post tax-xogħol tant li numru ta' impjegati u apprendisti tas-soċjetà konvenuta kienu qed iħossuhom iffastidjati u intimidati mill-imġieba tal-attriċi. Fissret li kemm-il dabra kienu ġibdu l-attenzjoni tal-attriċi fir-rigward tal-kompartament u tal-attitudni tagħha permezz ta' twissijiet formali u informali, kemm verbali u kemm bil-miktub u għalhekk hija kienet konxja li l-aġir tagħha kien kundannabbli. Għalhekk is-soċjetà konvenuta kellha raġunijiet validi sabiex tittermina l-impjieg tal-attriċi.

3. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi mressqa.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-18 t'April 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2023[2].

5. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat

6. Din hija kawża rigwardanti terminazzjoni ta' impjieg mill-prinċipal. Filwaqt li l-attriċi tinsisti li kienet is-soċjetà konvenuta li kisret il-kuntratt definit tax-xogħol tagħha u li konsegwentement is-soċjetà konvenuta hija responsabbli sabiex tħallas nofs il-paga li l-attriċi kienet tipperċepixxi li kieku dan ma seħħx, is-soċjetà konvenuta tinsisti li kienet l-attriċi stess li ġabet it-terminazzjoni tal-kuntratt tagħha bl-imġieba tagħha lejn il-kollegi tagħha, liema terminazzjoni ma kinitx waħda ħesrem għaliex l-attriċi ingħatat diversi twissijiet qabel it-terminazzjoni tagħha.

**Provi**

7. Xehdet l-**attriċi**, veterinarja (*aquatic veterinarian*), fejn spjegat li hija kienet bdiet mas-soċjetà konvenuta fi Frar 2015 bħala *intern* waqt li kienet qiegħda tagħmel il-Masters u wara li lestiet il-Masters, is-soċjetà konvenuta ingaġġatha għal ħabta ta' Settembru tal-istess sena. Il-kuntratt tagħha kien wieħed definit ta' tlett snin, liema kuntratt ġie segwiet b'kuntratt ieħor ta' sentejn. Spjegat li l-ewwel twissija ħarġet wara li hija kienet qiegħda taħdem fuq proġett ferm delikat ġewwa l-laboratorju għal-liema proġett ma kellhiex ħafna żmien u għalhekk riedet tiżgura li ma jkunx hemm kontaminazzjoni fuq dak li kienet qiegħda taħdem, altrimenti kien ikollha tieħu ġimgħatejn tal-anqas sabiex tara jekk kienx hemm kontaminazzjoni, liema żmien hija ma kellhiex. Tgħid li dak inhar li kienet waslet sabiex tagħlaq il-proġett, ġew żewġ persuni (impjegati tas-soċjetà konvenuta) li riedu jidħlu l-laboratorju sabiex jinstallaw apparat. Tgħid li hija insistiet ma' Ms. Wilk, waħda mill-imsemmija impjegati, li ma setgħux jidħlu fil-laboratorju għal tal-anqas għoxrin minuta oħra. Tgħid li dawn telqu u wara għaxar minuti reġgħu ġew u l-imsemmija impjegata tas-soċjetà konvenuta insistiet li tidħol fil-laboratorju. Tgħid li hija baqgħet tgħidilha sabiex itiha 10 minuti oħra u l-

[1] Fol 138 et seq tal-proċess.
[2] Fol 161 et seq tal-proċess.

laboratorju jkun kollu tagħha, però jidher li Ms Wilk ma kinitx kuntenta bir-risposta u qaltilha li kienet sejra tirrapportaha lid-Direttur tar-Riżorsi Umani u in risposta l-attriċi qaltilha li tista' tirraportaha lil min trid però hija ma kinitx ser tiftaħ il-bieb qabel jgħaddu l-għaxar minuti. Tgħid li dak inhar hija talbet lis-superjuri tagħha sabiex tmur id-dar għaliex dak l-avveniment kien telfilha l-konċentrazzjoni tagħha. Tgħid li l-għada poġġiet bilqiegħda f'*meeting room* flimkien mad-Direttur tar-Riżorsi Umani u Pierre Otto, sieħeb Ms. Wilk, fejn qalulha li l-atteġġjament tagħha ma kienx aċċettabbli. Tgħid li ġimgħa wara dan l-akkadut, hija kienet informat lill-prinċipal li xtaqet iġedded il-kuntratt u l-prinċipal kien qabel li jsir dan u kien ta' ċans tagħżel it-terminu tal-kuntratt tagħha u tgħid li hija għażlet sentejn. Tgħid li wara li ġie mġedded il-kuntratt hija flimkien mal-kollegi kollha tagħha kienu ġew ordnati li kull darba li joħorġu mill-post tax-xogħol kellhom iniżżlu x'ħin ħarġu u x'ħin reġgħu daħlu lura x-xogħol, anke jekk kienu joħorġu biex jagħmlu xi qadja marbuta max-xogħol tagħhom. Tgħid li qabel iffirmat it-tieni kuntratt, hija kienet taħdem ħdud u festi u dawk il-ħdud u festi kienet teħodhom ġranet *off* mix-xogħol sitt ġimgħat wara – dan kien ftehim verbali. Tgħid li hija ffirmat t-tieni kuntratt tagħha bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess paga, inkluż allura b'din il-kundizzjoni iżda ġara li wara li ffirmat il-kuntratt hija ġiet infurmata bil-bidla fis-sens illi ġiet infurmata li l-ġranet li kienet taħdem li kienu pubbliċi, kellha teħodha *off* il-ġurnata ta' wara. Tgħid li hija tkellmet mad-direttur tar-riżorsi umani li dan ma kienx jagħmel sens anke għaliex huma kienu jippjanaw ġimgħa sħiħa bix-xogħol u xi drabi inkluż is-sibtijiet u l-ħdud għaliex ix-xogħol hekk jitlob. Tgħid li waqt laqgħa li kellha mad-Direttur tar-Riżorsi Umani kienet ġiet informata sabiex tagħti widen lill-kollegi tagħha aktar għaliex kien hemm min ma kienx kuntent. Tgħid li hija staqsiet lill-imsemmija Direttur sabiex jagħmlu laqgħa flimkien mat-tim tagħha sabiex tifhem aħjar x'kienet il-problema, però d-Direttur qaltilha li m'hemmx għalfejn u li kellha tagħti widen aktar. L-attriċi spjegat li hija tat il-kelma li ser tagħmel hekk. Ix-xhieda tagħha tkompli hekk:

> "This got me worried honestly and when I went back downstairs when I had all the team together which was the two girls, Ms Pique, Ms Rosli and there was also an intern who was also a girl I told them in a small room like "Girls, I was told that someone is not very happy are you okay, is there anything you need, you know you can tell me right?" and they were like, "Yes, yes" and I said, "Feel free, you know that we changed a lot of stuff and if you consider we need to change more we will do", they said "No, no its fine" that is the feedback I got from them

and after this they said that after this meeting we have another one in two weeks to evaluate your progression so these things need to be fixed in two weeks. I said, "Okay, fine, no problem" but I was fired in ten (10) days."[3]

Tispjega li fl-10 ta' Diċembru 2018 għal ħabta tas-5:45 ġiet avviċinata minn xi ħadd tar-riżorsi umani li informaha li riedet tkellimha Ms. Simms, tgħid li marret tiltaqa' magħha u magħha kien hemm id-Direttur tar-Riżorsi Umani fejn ġiet infurmata li "*there was an issue with my behaviour and that my contract was terminated with immediate effect*"[4]. Tgħid li hija ma skoprietx x'kienet il-*behavioural issue*. Tgħid li kienet waqt din il-laqgħa li semgħat l-ewwel darba li hija kienet ibbullijat lil xi ħadd. Tikkonkludi li hija ingħatat l-ittra ta' terminazzjoni waqt il-laqgħa.

In kontro-eżami spjegat li hija flimkien mal-kollegi tagħha kienu jagħmlu l-kalendarju tax-xogħol. Tinsisti li ma kinitx hi weħidha li tagħmel dan il-kalendarju u qatt ma ġie impost fuq ħadd ħin jew ġranet tax-xogħol fil-*weekend*. B'referenza għall-akkadut li kien hemm bejnha u bejn Ms. Wilk, l-attriċi spjegat li reaġixxiet b'mod disprorporzjonat għaliex kienet imbeżża għaliex Ms. Wilk u d-Direttur tar-Riżorsi Umani kienu ħbieb. Meta ġiet mistoqsija jekk kienx hemm laqgħat mad-Direttur tar-Riżorsi Umani kull ġimgħa dwar l-atteġġjament tagħha, ix-xhud tgħid li ma kienx il-każ u l-unika laqgħa kienet meta intalbet tagħti widen lill-kollegi tagħha. L-attriċi spjegat waqt il-kontro-eżami li ħadd mill-kollegi tat-tim tagħha ma kien għamel ilment magħha dwar l-attitudni tagħha. Ġiet mistoqsija jekk kinitx taf li l-kollegi tagħha kienu iffirmaw dikjarazzjoni dwar l-atteġġjament tagħha, l-attriċi tgħid li ma kinitx taf.

8. Xehdet permezz t'affidavit **Lisa Hunter**, direttur tas-soċjetà konvenuta fejn spjegat li meta s-soċjetà konvenuta bdiet tikber, bdew jiġu impjegati aktar nies però l-attitudni tal-attriċi bdiet tiddeterjora b'mod rapidu. Tgħid li għal bidu kien hemm diversi ilmenti verbali mill-istaff dwar l-atteġġjament aggressiv tal-attriċi u trattament inġust tal-kollegi tagħha u kien għalhekk li fis-sajf tal-2018 bdiet tagħmel laqgħa mal-attriċi kull ġimgħa sabiex "*to help her learn more about work ethics*"[5]. Tgħid li l-attitudni tagħha bdiet titjieb. Tgħid li kienet l-attriċi stess li ammettiet diversi drabi magħha li kellha bżonn għajnuna f'dak il-qasam. Tkompli li l-attriċi "*had the disturbing habit of shouting at staff and treating them*

[3] Fol 32 – 33 tal-proċess.
[4] Fol 33 tal-proċess.
[5] Fol 59 tal-proċess.

*inappropriately. The biggest problem we observed and informed her about was that Arnaca [l-attriċi] felt that she was superior to everyone working with her as she was the only licensed veterinarian we had at the time.*"[6] Tkompli tispjega li fis-27 ta' Settembru 2018 wieħed mill-*interns* kien mar l-uffiċċju tagħha sabiex tara b'għajnejha dak li kien qiegħed jiġri fl-uffiċini. Tgħid li meta marret hemm hija sabet ħames impjegati fi stat ta xokk bl-atteġġjament tal-attriċi li kienet għada qed tgħajjat (*"screaming"*) magħhom. Tgħid li kienet hi li bagħtet lill-attriċi d-dar sabiex tikkalma. Tgħid li s-soċjetà konvenuta baqgħet tqis li x-xogħol tagħha kien ta' *standard* għoli u kienu pożittivi li ser tagħmel kambjament għall-aħjar u kien għalhekk li ġiet offruta it-tieni kuntratt. Tispjega li l-attriċi ma kinitx superjuri jew maniġer tal-kollegi tagħha għaliex l-impjegati l-oħra kienu jirrispondu direttament lid-Direttur tad-Dipartiment Dr. Deguara. Spjegat ukoll li l-kuntratt ġie mġedded għal sentejn "*but it was verbally agreed that we would only extend on the basis that her behaviour improves and that she understood that she was being kept under close supervision by the acting Labs manager (ICP) and myself."*[7] Tgħid li sfortunatament l-atteġġjament tal-attriċi lejn il-kollegi tagħha baqa' sejjer lura tant li bdew jirċievu diversi ilmenti m'għand diversi individwi li kienu jħossuhom imbeżża fil-preżenza tal-attriċi. Ingħatat diversi tiswijiet verbali kemm minnha kif ukoll minn Dr. Deguara u Shane A. Hunter dwar l-atteġġjament abbużiv tagħha lejn il-kollegi tagħha. Tgħid li Simms, HR Maniġer kompliet tagħmel il-laqgħat mal-attriċi minflokha inkluż laqgħat mal-kumplament tat-tim. Tgħid li xi żmien f'Novembru 2018 kien hemm laqgħa mal-attriċi flimkien mat-tim tagħha sabiex jiġi ċċarat li kulħadd kellu jsegwi r-regoli u ma kien hemm ebda preferenza bejn ħadd u li s-siegħat żejda maħduma kellhom jittieħdu mingħajr dewmien. Tgħid ukoll li l-attriċi ppretendiet mingħajr awtorizzazzjoni tieħu ż-żmien il-Milied *off* minflok il-kollegi tagħha. Tgħid li saret laqgħa fis-26 ta' Novembru 2018 ma' Ms. Simms u Ms. Pimparel, HR Maniġer u *acting Labs Manager* rispettivament flimkien mal-attriċi sabiex jiġi diskuss l-atteġġjament tal-attriċi u diversi kwistjonijiet qamu – "*her inability to work in a team, her behaviour towards other team members and even Senior Member of Staff.*"[8] Ix-xhud fissret li waqt din il-laqgħa l-attriċi kienet ġiet informata li kienet qiegħda tkun dejjem tard għax-xogħol. Tgħid ukoll li l-membri l-oħra tat-tim li kienet fih l-attriċi kienu infurmaw lil Pimparel bl-atteġġjament ħażin tal-attriċi li kompla jaggrava u li b'mod sistematiku kienet qiegħda torganizza lill-*interns* u

[6] *ibid.*

[7] Fol 61 tal-proċess.

[8] Fol 63 tal-proċes.

impjegati biex jaħdmu siegħat żejda fi tmiem il-ġimgħa u waqt il-festi pubbliċi u dan mingħajr ebda raġuni valida u mingħajr ebda xogħol x'jagħmlu waqt dawk il-ħinijiet. Tgħid li Pimparel bagħtet korrispondenza lill-membri l-oħra tat-tim tal-attriċi tistedinhom jagħmlu kummenti sabiex isolvu l-kwistjonijiet li kellhom mal-attriċi. Ix-xhud annetiet mall-affidavit tagħha dikjarazzjonijiet (mhux ġuramentati) minn membri tat-tim tal-attriċi u ċioe Pimparel, Georggopoulou, Piquer u Rosli. Ix-xhud tgħid li l-attriċi bdiet tagħmel arranġamenti sabiex ikollha siegħat żejda mingħajr il-kunsens ta' Pimparel, u dan bi ksur tal-*policy* tal-kumpanija.

In kontro-eżami x-xhud spjegat li l-attriċi kellha l-istess responsabbiltajiet bħal kollegi tagħha tal-istess livell u li ma kellhom ebda persuni oħra fid-dipartiment tagħhom tal-istess grad tagħhom. Tispjega li ma żammewx minuti tal-laqgħat li hija issemmi li kellha mal-attriċi u dan għaliex ma kinux laqgħat uffiċċjali. Meta ġiet mistoqsija għalfejn ingħatat kuntratt ġdid meta dawn kienu meqjusa bħala inċidenti serji, ix-xhud tgħid li "*when we renew a contract it takes a long time to renegotiate. This takes weeks and at the time we had completed the negotiations. We had not yet signed when the incident happened on the 27th September however we had full faith in the plaintiff as a worker – she did very good work – I could see that she was improving her attitude with the staff and so we decided to renew. The renewal was signed on the 2nd October 2018.*"[9] Meta ġiet mistoqsija jekk hija qattx kienet xhud tal-inċidenti imsemmija mill-kollegi tal-attriċi, ix-xhud tgħid li hija qatt ma kienet xhud tagħhom. Tgħid li l-impjegati kienu jmorru għandha "*close the doors, hide behind the door, sit on the floor because the Office are made of glass and used to hide so that the plaintiff would not see them.*"[10] Bħala azzjoni għal dawn ir-rapporti hija kien ikollha laqgħa kull ġimgħa mal-attriċi. Tikkonferma li kienet twissija waħda li ingħatat bil-miktub. Mistoqsija jekk kellhiex rendikont tat-twissijiet mogħtija lill-attriċi, ix-xhud tgħid li le, tgħid li ħafna minn dawn it-twissijiet kienu jingħataw minn Shane Hunter u Simeon Deguara. Mistoqsija jekk hija hux qiegħda toqgħod fuq dak li ingħad lilha, ix-xhud tikkonferma. Ix-xhud tikkonferma li l-attriċi la kienet *supervisor* u lanqas maniġer u lanqas ma kienet qiegħda tagħmel x-xogħol tagħhom. Tispjega li kien hemm Dr. Simeon Deguara li kien il-Maniġer tad-Dipartiment tal-attriċi; l-attriċi għalhekk ma kellha ebda responsabiltajiet maniġerjali. Ix-xhud tgħid li mhux minnu li waqt il-laqgħa ta' Novembru 2018 kien hemm tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-attriċi; l-għan tal-laqgħa kien sabiex

[9] Fol 101 tal-proċess.
[10] *ibid.*

jorganizzaw ix-xogħol fil-perjodu tal-milied. Mistoqsija jekk l-attriċi kinitx tkun *on call* ix-xhud tgħid li dak l-inkarigu kien mill-ewwel ġurnata li s-soċjetà konvenuta bdiet tinnegozja fil-ħut ħaj (*live fish*). Mistoqsija għaliex Fallon ma kinitx fuq ir-roster, ix-xhud tgħid li kienet għada fuq *probation* u ma kellhiex esperjenza biżżejjed jekk kienet tinqala' xi problema. Tikkonferma li kien hemm istanzi fejn kien hemm bżonn li l-impjegati jagħmlu siegħat żejda fil-laboratorju, però tgħid li 95% minnu jkun approvat minn qabel, dak li ma jkunx ippjanat huwa meta tinqala' emerġenza li hija rarità. Ix-xhieda tagħha tkompli hekk:

> "*Asked if I ever tried to hold a meeting between the plaintiff and these employees complaining against her I reply that these were not official complaints so if for example there would be a complaint where someone would have booked leave and the plaintiff would cancel it we would try to tackle the problems and not the attitude itself. There were no one to one meetings between the plaintiff and any particular employee who complained however we had one big meeting with all the staff from the plaintiff's department and we just tried to go through the problems such as problems with holidays without confronting the employees as we did not want to make her feel that she was under attack. Moreover the other employees were younger than her.*"[11]

Ix-xhud tgħid li waqt il-laqgħa kien ġie indikat li s-sahra ta' ħaddieħor ma jistax jinbidel jew ma setgħax ikun hemm siegħat żejda ta' xogħol mingħajr awtorizzazzjoni, u peress li l-attriċi kienet qiegħda tagħmel dan kellha tinduna li dak li qiegħed jingħad, qiegħed jiġi indirizzat lilha. In ri-eżami ix-xhud tgħid l-attriċi kellha problemi mal-impjegati ż-żgħar u ma dawk superjuri tagħha qatt ma kellha problemi. Iżda xahrejn wara li ġie mġedded il-kuntratt, bdew jinqalgħu kwistjonijiet serji. Mistoqsija x'kienet tkun ir-reazzjoni tal-attriċi meta kienet tiltaqa' magħha kull ġimgħa, ix-xhud tgħid li l-attriċi kien jiddispjaċiha tal-atteġġjament tagħha u kienet tagħti apoloġija.

9. Xehed in kontro-eżami **Shane Hunter** (fix-xhieda saret referenza ghall-affidavit li sar minnu però fil-proċess hemm dikjarazzjoni mhux maħlufa (forma ta' email datata 28 ta' Jannar 2019)[12] u għalhekk ma jistax jitqies li huwa affidavit) fejn spjega li huwa kien ta twissija lill-attriċi minħabba l-atteġġjament tagħha u dan kien qabel ġie ffirmat it-tieni kuntratt. Jgħid li huwa jaf li kien hemm twissijiet oħra minn diretturi oħra li jaf bihom

[11] Fol 102 tal-proċess.
[12] Fol 84 tal-proċess.

tramite laqgħat li saru qabel it-terminazzjoni tal-attriċi, però huwa ma kienx preżenti waqt dawk it-twissijiet. Jikkjarifika li t-twissijiet ma kinux fuq ix-xogħol tagħha iżda fuq l-atteġġjament. Jgħid li l-attriċi kienet tabbuża bl-impjegati l-oħra b'mod verbali, u filwaqt li ma jiftakarx id-dettalji jgħid li "*it was in the sense that she was going to make their life hell by giving them weekend shifts, not approving their leave or making their leave difficult*."[13] Jgħid li huwa ma jiftakarx jekk kienx tkellem mal-attriċi dwar dawn l-allegazzjonijiet però jgħid li huwa kien ħalla l-kwistjoni f'idejn id-Direttur tar-Riżorsi Umani. Ix-xhud jgħid li l-atteġġjament ħażin tal-attriċi kien kemm waqt l-ewwel kuntratt kif ukoll waqt it-tieni kuntratt. Meta ġie mistoqsi jekk kienx hemm sejħiet għal veterinarji, ix-xhud jgħid li l-kumpanija kienet qiegħda tikber u allura dejjem kienu joħroġu sejħiet għal veterinarji. In ri-eżami ix-xhud fisser li s-sejħiet kienu għal veterinarji f'dixxiplina differenti minn dik tal-attriċi. Jinsisti li l-veterinarji l-ġodda kienu sabiex jikkumplimentaw lill-attriċi u mhux biex jissostitwuha. Jinsisti li huma kienu kuntenti ferm bix-xogħol tal-attriċi però mhux dik kienet il-kwistjoni kollha.

10. Xehdet in kontro-eżami **Myrto Georopoulo** (il-Qorti ma sabet ebda xhieda u lanqas affidavit maħluf; li sabet hija dikjarazzjoni mhux ġuramentata u lanqas datata mibgħuta lil Lisa C. Dowdall fid-19 t'Ottubru 2020, dikjarazzjoni allegatament miktub f'Jannar 2019[14]) li kienet *administrator and HR assistant* mas-soċjetà konvenuta liema pożizzjoni hija m'għadhiex tokkupa. Ix-xhud ma titfakkarx jekk l-attriċi kinitx l-unika veterinarja. Mistoqsija jekk tiftakarx jekk fil-ġimgħa in kwistjoni [mingħajr ma jissemma liema ġimgħa fix-xhieda] kinitx bil-*leave* Dr. Deguara, ix-xhud tgħid li ma tiftakarx però tiftakar li ma kienx l-uffiċċju. Tgħid li l-attriċi dejjem kienet tkun stressjata. Tikkonferma li kien hemm laqgħa bejn Pimparel u l-attriċi wara l-inċident [ma t'issemma ebda data fix-xhieda] però ma setgħetx tikkonferma jekk l-għada kienx hemm laqgħa oħra, li tiftakar huwa li laqgħat oħra kien hemm. Tgħid li għalkemm assistiet sabiex torganizza l-laqgħa hija ma kinitx preżenti waqt il-laqgħa. Mistoqsija x'kienet tgħid l-attriċi dwar il-kollegi tagħha, ix-xhud tgħid li "*there was a lot of foul language, that she said that the others did not know what they were doing, there were comments about Ines and Veronica that were not personally or professionally acceptable. She kept saying that they could not do anything but that she had to do everything herself. The comments were also of a personal nature.*"[15]

---

[13] Fol 97 tal-proċess.

[14] Fol 79 et seq tal-proċess.

[15] Fol 106 tal-proċess.

Mistoqsija tafx b'istanzi oħra, ix-xhud tgħid li ma tafx; ma kinitx taħdem magħha. Mistoqsija jekk ir-riżorsi umani ġabux dan a konjizzjoni tal-attriċi, ix-xhud tgħid li mhux fil-bidu għaliex il-kollegi tal-attriċi kienu qegħdin jagħmlu ħilithom sabiex itejbu r-relazzjoni magħha. Tgħid li temmen li kien fis-sajf tal-2018 li l-amministrazzjoni infurmat lill-attriċi b'dak kollu.

11. Xehdet in kontro-eżami **Norfalina M Rosli** (il-Qorti ma sabet ebda xhieda u lanqas affidavit maħluf; li sabet hija dikjarazzjoni mhux ġuramentata u lanqas datata mibgħuta lil Lisa C. Dowdall fid-19 t'Ottubru 2020, dikjarazzjoni allegatament miktub f'Jannar 2019[16]) spjegat li hija kienet bdiet bħala *intern* mas-soċjetà konvenuta u kienet taħdem fit-tim tal-attriċi u Clara. Mistoqsija tikkonferma jekk daħalx veterinarju ieħor flok l-attriċi, ix-xhud tgħid li x-xogħol li kienet tagħmel l-attriċi bdew jagħmluh hi u Clara u ma tiftakarx li ġie veterinarju ieħor minflok l-attriċi. Il-veterinarju l-ġdid li ġie kien *facility manager*; l-attriċi ma kinitx *facility manager* iżda *aquatic veterinarian*. Mistoqsija jekk il-veterinarju l-ġdid attwalment bediex jagħmel ix-xogħol li kienet tagħmel l-attriċi, ix-xhud tgħid li ma tafx x'inhuma d-dmirijiet tal-veterinarju l-ġdid komparata ma dak li kellha l-attriċi. Mistoqsija jekk hija kinitx tieħu ordnijiet diretti mill-veterinarju l-ġdid, ix-xhud tgħid li ma kienx il-każ iżda kienet tirrispondi dirett lil Dr. Deguara. Tikkonferma li Clara kienet l-istess bħalha. Mistoqsija jekk qattx irraportat lill-attriċi, ix-xhud tgħid li hija kienet kellmet xi nies fil-kumpanija u tiftakar li marret tkellem lil Dr Deguara dwar x'kien ġara però ma tiftakarx id-dettalji.

12. L-attriċi ppreżentat affidavit ta' **Elena Zanier**, intern li kienet taħdem mas-soċjetà konvenuta u li kienet taħt is-superviżjoni tal-attriċi. Tgħid li hija kienet mill-ewwel ħadet l-impressjoni li l-attriċi kienet impenjata ħafna. Tgħid li l-esperjenza tagħha mal-attriċi kienet waħda pożittiva u bħala s-*supervisor* tagħha kienet tgħidilha fejn kienet tagħmel l-iżbalji u dan kienet tagħmlu b'mod edukat. Tgħid li l-attriċi kienet dedikata f'xogħolha. Tenfasizza li qatt ma kienet aggressiva lejha.

In kontro-eżami fissret li r-relazzjoni tal-attriċi mal-kollegi l-oħra kienet waħda normali. Tgħid li hija damet taħdem mas-soċjetà konvenuta għal tlett xhur biss. Tgħid li hija kuljum kellha kuntatt mal-attriċi għalkemm mhux il-ħin kollu tal-ġurnata. Tgħid li hija kienet taħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa u darba s-Sibt kull xahar però dwar din tal-aħħar ma kinitx ċerta.

[16] Fol 77 et seq tal-proċess.

13. Xehed permezz t'affidavit **Hugo Fesneda,** *assistant supervisor* tad-dipartiment Innovia, l-istess dipartiment li fih kienet taħdem l-attriċi bħala veterinarja. Jispjega li kemm hu kif ukoll l-attriċi kienu jirċievu ordnijiet diretti mingħand Dr. Deguara, direttur tad-Dipartiment Innovia. Jgħid li huma kienu jirċievu struzzjonijiet u xogħol ieħor mingħand Shane Hunter, Direttur Eżekuttiv. Jgħid li peress li Dr. Deguara mhux dejjem kien ikun konxju tax-xogħol mogħti mis-Sur Hunter, l-impjegati kienu jħossu l-pressjoni tax-xogħol. Jgħid li min-naħa amministrattiv, ma kinitx faċli li wieħed jaħdem mas-soċjetà konvenuta u dan peress li d-Direttur tar-Riżorsi Umani kienet mart id-Direttur Eżekuttiv u għalhekk huma ma setgħux jagħmlu ilment lis-Sinjura Hunter dwar is-Sur Hunter u l-istress li kien qiegħed iżid fid-dipartiment Innovia. F'Novembru jew Diċembru 2018, ġiet ingaġġata Maniġer *Human Resoruces*, is-Sinjura Simms. Iżda is-Sinjura Simms kellha relazzjoni tajba ħafna mas-Sinjura Hunter u għalhekk ma kien sar ebda kambjament pożittiv għall-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Fir-rigward tal-attriċi jgħid li hija kienet *Senior Veterinarian* u kienet l-ewwel veterinarju li ġiet ingaġġata mis-soċjetà konvenuta. Jgħid li huwa kien jara li l-attriċi kienet tidħol xogħol fil-*weekends* u anke tagħmel siegħat żejda sabiex Clara, Falin u l-*interns* ma kienx ikollhom għalfejn joqgħodu siegħat żejda fi tmiem il-ġimgħa kif ukoll waqt il-ġimgħa. Ix-xhud jgħid li huwa kien jaħdem fl-istess dipartiment tal-attriċi u qatt ma raha "*acting inappropriately or raising her voice at anyone, especially not at Clara or Falin. Being in the same department, if Ms Castellon would have acted badly, I would have seen it.*"[17] Ix-xhud jispjega li twissijiet kienu jingħataw bil-miktub, liema twissijiet kienu jingħataw mis-*Supervisor* jew mill-*Facilities Manager* jew mid-Direttur ta' Innovia (Dr. Deguara), jew mill-Maniġer tar-Riżorsi Umani (Ms. Simms), jew mid-Direttur Riżorsi Umani (Ms. Hunter). Is-Sur Hunter ma kienx jagħti twissijiet u safejn jaf hu, s-Sur Otto (*Senior Accountant*) ma kienx jagħti twissijiet. Jgħid li l-attriċi rċeviet l-ewwel twissija ftit qabel iffirmat kuntratt ġdid. Jgħid li kienet Ms Wilk li rrapurtat lill-attriċi lis-Sinjura Hunter. Jgħid li huwa jaf li s-Sinjura Wilk u s-Sinjura Hunter għandhom ħbiberija tajba bejniethom. Jgħid ukoll li s-Sinjura Wilk kienet l-għarusa tas-Sur Otto. Josserva li l-mod kif ingħatat it-twissija l-attriċi m'hijiex in linea mal-proċedura normalment adottata mis-soċjetà konvenuta. Jgħid li l-Ġimgħa ta' qabel ġie terminat il-kuntratt tal-attriċi, kien hemm ir-riċeviment tal-Milied u jgħid li kemm is-Sinjura Rosli kif ukoll is-Sinjura Piquer kienu qattgħu ħafna ħin mal-attriċi, jidħku u jieħdu

[17] Fol 118 tal-proċess.

gost. Jagħlaq l-affidavit tiegħu billi jgħid li f'Jannar 2019 ġie ingaġġat veterinarju ġdid, is-Sur Bartek u l-irwol tiegħu kien ta' *Facilities Manager and Senior Veterinarian at Innovia*. Jgħid li kulħadd fid-dipartiment ta' *Innovia* kien jaf li s-Sur Bartek iffirmat ftehim mas-Sur Hunter sabiex jibda jaħdem mal-kumpanija għal ħabta t'Ottubru - Novembru 2018. Jgħid li s-Sur Bartek waqaf jaħdem għas-soċjetà konvenuta wara tlett xhur.

In kontro-eżami kjarifika li huwa dam jaħdem mas-soċjetà konvenuta sa Ġunju 2019. Jgħid li huwa ma baqax jaħdem mas-soċjetà konvenuta wara li kien sema li l-kumpanija qiegħda tkeċċi impjegati li jkollhom tlett twissijiet u kien hu li telaq wara li pprovoka t-tielet twissija. Jikkonferma li huwa mhux dejjem kien fil-livell li kienet taħdem fih l-attriċi. Jgħid li huwa kien jaħdem bix-xift u jgħid li kulħadd kien jaħdem skont l-iskeda mogħtija lilu inkluż fi tmiem il-ġimgħa. Jgħid li huwa kien jaħdem żewġ jew tlett sibtijiet fix-xahar u jekk ma kienx ikun qed jaħdem is-Sibt, kien ikun qed jaħdem il-Ħadd. Mistoqsi kemm-il darba ra lill-attriċi fi tmiem il-ġimgħa ġewwa l-uffiċċju, ix-xhud jgħid li diversi drabi, ikompli jgħid li mhux lilha biss kien jaraha iżda diversi nies oħra. Mistoqsi kif jaf li s-Sur Shane u s-Sur Otto ma jagħtux twissijiet, ix-xhud jgħid għax huwa kien irċieva twissijiet ukoll. Mistoqsi dwar is-Sur Bartek, ix-xhud jgħid li l-imsemmi kien imħarreġ għal Maniġer iżda kien ser jieħu ħsieb xogħol veterinarju. Mistoqsi jekk jiftakarx li s-Sur Bartek kien jaħdem bħala *Facilities Manager* ix-xhud jgħid li fiż-żmien kien għadu qed jitħarreġ u ma kellux ħin sabiex jagħmel xogħol veterinarju.

Ikkunsidrat

**Fatti**

14. B'kuntratt tat-2 t'Ottubru 2018 is-soċjetà konvenuta qablet li żżomm lill-attriċi bħala impjegata tagħha fuq kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' sentejn mill-1 t'Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2020:

> "*by means of this agreement AquaBio Tech hereby agrees to retain the employee on a contract of Service for international work relating to AquaBio Tech work for a two (2) year fixed term contract starting from the 1st October 2018 until the 30th September 2020 […]*"[18]

[18] Fol 4 tal-proċess.

15. L-unika premessa fil-kuntratt t'impjieg li tagħti s-setgħa lis-soċjetà konvenuta tittermina l-impjieg tal-attriċi hija s-segwenti:

> *"17. Any breach on the part of the employee of the obligations required of him under this contract shall entitle* ***AquaBio Tech*** *not only to terminate the contract of the employee with immediate effect but also to seek other legal solutions to prevent / stem such a breach."*[19]

16. Il-kuntratt jagħmel referenza għal Corporate Policy Guidelines, liema manwal jifforma parti mit-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt t'impjieg però qatt ma ġie esebit f'din il-kawża. Is-salarju miftiehem kien ta' €21,076.56 fis-sena "*Including governement bonuses*"[20].

17. Minn ittra mhux datata li għandha t-titolu "Formal Letter of Warning" jidher li fit-28 ta' Settembru 2018 saret laqgħa li għaliha kienet presenti l-attriċi, Lisa Hunter (Direttriċi tar-Riżorsi Umani) u Pierre Otto. Minn din l-ittra ma jirriżultax għalfejn saret din il-laqgħa però mill-provi jidher li din il-laqgħa segwiet avveniment li seħħ ġurnata ta' qabel bejn is-sieħba ta' Pierre Otto (ċioe s-Sinjura Wilk) u l-attriċi. Dan l-avveniment huwa wkoll ikkonfermat b'korrispondenza elettronika mibgħuta minn Weronika M. Wilk fis-s-27 ta' Settembru 2018.[21] L-ittra tkompli taqra hekk:

> "Further to the matters discussed during that meeting, this letter serves as a formal warning about your employment with us.
>
> At the meeting you were advised that your behaviour towards your colleagues was unsatisfactory and that you were required to immediately improve your behaviour.
>
> As agreed, we will start to monitor your performance and we will work together to improve things. We hope to see an improvement in the near future, so that you are able to enjoy a long and rewarding career with us.
>
> We have been very happy with your contribution and work at Innovia so far and have confidence that this situation will not arise again.

---

[19] Fol 6 tal-proċess.
[20] Fol 4 a tergo tal-proċess.
[21] Fol 66 tal-proċess.

This is your first warning letter, but we expect it to be the last one."[22]

18. Fis-26 ta' Novembru 2018 saret laqgħa rigwardanti l-progress tal-attriċi, liema laqgħa ġiet segwita b'korrispondenza elettronika bil-minuti tal-istess laqgħa. Minn dawn jidher li erbgħa kienu l-kwistjonijiet li ġew trattati:

    a. *Inability to work as part of a team*
    b. *Behaviour towards other team members*
    c. *Behaviour toward Senior Members of staff*
    d. *Lateness and not completing the contracted working hours*.[23]

    F'din l-istess korrispondenza hemm nota li dawn il-laqgħat "*are going to happen every month for a period of 3 months to evaluate ACV's (b'referenza għall-attriċi) progress*"[24]

19. Fil-5 ta' Diċembru 2018 jidher li saret laqgħa bejn Clara Piquer, Norfalina M. Rosli u Ines Pimparel, liema laqgħa ġiet segwita b'minuti. Minn dawn il-minuti jidher li s-suġġett prinċipali kienet l-attriċi u l-atteġġjament tagħha fil-konfront tagħhom. Aktar speċifiku ġie diskuss

    a. *Inability to plan her own work jeopardizing the work of others*
    b. *Lack of respect for others is demonstrated by cleaning*
    c. *Occurrences* [25]

20. Fl-10 ta' Diċembru 2018[26] l-attriċi ingħatat ittra, liema ittra mhux datata, bit-titolu "*Formal Letter of Gross Misconduct Termination of Fixed Term Contract*":

    "I am writing to you about your continued issues with staff and your behaviour towards your team members.

    We have received several complaints and your behaviour has been investigated to be gross misconduct. At AquaBio Tech we do not tolerate bulling in any form.

[22] Fol 18 tal-proċess.
[23] Fol 73 a tergo u 74 tal-proċess.
[24] Fol 74 tal-proċess.
[25] Fol 75 a tergo tal-proċess
[26] Data meħuda mill-ittra ta' terminazzjoni maħruġa minn Jobsplus a fol 8 tal-proċess.

You have received a writing warning in September 2018and we have had a meeting to discuss your behaviour and you explained that you will improve but to date no improvement has been observed, in fact, you attitude has not changed at all. I have now received an official complaint with regards to your behaviour. This seriousness of the complaint has escalated to this point.

Unfortunately, Senior Management have decided that you continued work within the company and the team is causing major issues, and we have no choice but to terminate your contract with immediate effect."[27]

21. Ir-reġistrazzjoni tat-terminazzjoni mal-Jobsplus tagħti raġuni bħala *Disciplinary Reasons* u d-data tat-terminazzjoni hija tal-10 ta' Diċembru 2018.[28]

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet legali**

22. Jibda billi jiġi osservat li l-kuntratt ta' xogħol in kwistjoni huwa wieħed għal terminu ta' żmien fiss. Filwaqt li l-attriċi issejjes l-azzjoni tagħha fuq l-**Artikolu 36(11) tal-Kapitolu 452** (Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) u targumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg b'terminu ta' ngaġġ fiss, iwassal sabiex is-soċjetà konvenuta li tagħmel il-ħlas kontemplat fl-imsemmi artikolu; min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tinsisti li kien hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi.

23. It-terminazzjoni ta' mpjieg qabel il-waqt ta' kuntratt fiss hu regolat mill-**Artikolu 36 tal-Kapitolu 452**. Ta' relevanza huma s-sub-artikolu (11) imsemmi mill-attriċi u s-sub-artikolu (14) li jipprovdu hekk:

"(11) Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.

[...]

[27] Fol 7 tal-proċess.
[28] Fol 8 tal-proċess.

(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu u l-impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif provdut fis-subartikolu (10) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, impjegat jista' jabbanduna kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt u l-prinċipal jista' jittermina kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun.

Iżda wkoll prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba u biżżejjed-

(a) illi l-impjegat fiż-żmien li ġie mibgħut kien membru ta' *trade union* jew qed ifittex l-inkarigu ta', jew qed jaġixxi bħala jew aġixxa bħala, ir-rappreżentant tal-impjegati; jew
(b) ħlief fil-każ ta' impjegat domestiku privat, illi l-impjegat ma jgawdix iżjed il-fiduċja tal-prinċipal; jew
(ċ) illi impjegat ikun iżżewweġ; jew
(d) illi impjegata tkun tqila b'tarbija jew tkun assenti mix-xogħol waqt il-*leave* għal maternità; jew
(e) illi l-impjegat kixef informazzjoni, konfidenzjali jew le, lil korp pubbliku regolatorju stabbilit, rigward attivitajiet allegatament illegali jew korrotti magħmula mill-prinċipal jew minn persuni li jaġixxu f'isem u fl-interessi tal-prinċipal; jew
(f) illi l-impjegat ppreżenta ilment jew qiegħed jieħu sehem fi proċeduri kontra l-prinċipal li jinvolvu l-allegat ksur ta' liġijiet jew regolamenti jew illi l-impjegat irrikorra għand l-awtoritajiet kompetenti amministrattivi; jew
(g) li n-negozju li fih jaħdem l-impjegat għadda minn trasferiment ta' proprjetà, sakemm ma jipprovax li t-temm tal-impieg hu meħtieġ għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni, li jirrikjedu bidliet fl-għadd ta' ħaddiema"

24. In tema legali l-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-deċiżjoni fl-ismijiet **James Buhagiar vs. Jani Limited**, tas-26 ta' Jannar 2018, fejn ingħad hekk:

> "Fi proċeduri relatati ma' każijiet ta' *unfair dismissal* hu meħtieġ li jiġi determinat:
> 1. X'kienet ir-raġuni għalfejn l-impjegat tkeċċa. Prova li għandha ssir mill-prinċipal;
> 2. Jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa li jkeċċi lill-impjegat. Din hi materja ta' fatt li jrid jiddeċiedi dwarha t-Tribunal. Fiha hemm inklużi l-konsiderazzjoni jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li jittratta r-raġuni bħala raġuni xierqa biex ikeċċi lill-impjegat u kienx raġonevoli li fiċ-ċirkostanzi jiddeċiedi li jkeċċi lill-impjegat."

25. Qabel tqis dawn iż-żewġ elementi, il-Qorti għandha l-ewwel u qabel kollox tevalwa l-proċedura addottata mis-soċjetà konvenuta sabiex itterminat il-kuntratt t'impjieg tal-attriċi.

26. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana relatata mal-liġi tal-impieg u r-relazzjonijiet industrijali, kemm fit-Tribunal Industrijali kif ukoll fil-Qrati Superjuri, illi biex tkeċċija tkun ġusta u skont il-liġi din trid tkun saret b'mod illi jipprova *fair trial* lill-impjegat.

27. Dwar il-proċedura ta' dixxiplina, **Selwyn's Law of Employment** jipprovdi li

> "During the performance of the employment contract the employer may find it necessary, through the appropriate manager, foreman, or supervisor who is charged with the necessary responsibility, to exercise some form of disciplinary authority over the employee. This may take one of a number of forms, ranging from counselling, informal warnings, etc, through to final warning or dismissal. The prime objective must be corrective, not punishment. Disciplinary procedures and powers must be exercised in a manner that will enable the employee to retain his position as a valid member of the staff, and not used purely as a matter of form of mechanical exercise. Thus the adherence to a well-drafted disciplinary procedure is an essential part of any decision making process.'"[29]

[29] Astra Emir, *Selwyn's Law of Employment*, (l-għoxrin edizzjoni (2018)), paġna 336.

28. Il-prinċipal ma jistax jargumenta li kien ikun kollu għal xejn li jsegwi l-proċedura dixxiplinarja stabbilita u li kien ikun kollu għal xejn li jagħti smigħ lill-impjegat qabel il-liċenzjament tiegħu għax f' kull każ kien ser jasal għall-istess deċiżjoni u ċioe għat-tkeċċija. Tali raġunament mhux aċċettabbli. Hawn il-Qorti ser tagħmel referenza għall-ġurisprudenza Ingliża, liema ġurisprudenza ġiet ukoll segwieta mill-Qrati nostrana kif ser jiġi muri aktar 'l isfel:

> "In British Labour Pump Co Ltd v Bryne [[1979] ICR 347, [1979] IRLR 94, EAT] it was held that where there was a procedural irregularity in an otherwise fair dismissal, eg a failure to consult in a redundancy situation, but it was shown that carrying out the proper procedure would have made no difference, then a consequent dismissal was nontheless fair. This 'it makes no difference rule' was overturned in Polkey v AE Dayton Services Ltd [[1987] UKHL 8], except in those circumstances where the employer can show that carrying out a proper procedure would have been utterly usless or futile. Thus if an employee is caught literally or metaphorically with his hands in the till, it is perfectly possible for a dismissal to be unfair (eg, because the correct procedure has not been followed) but for nil compensation to be awarded on the ground that the employee contributed totally towards his dismissal (Kristapaitis v Thistle Seafood Ltd [UKEATS/0033/09])."[30]

29. Dan l-insenjament ġie segwiet fil-kawża fl-ismijiet **James Buhagiar vs. Jani Limited**, suċitata, fejn ġie spjegat li:

> "9. Ghalkemm f'Malta m'ghandniex kodici ta' prattika jew regolamentazzjoni dwar il-principju ta' *procedural fairness* qabel principal ikecci impjegat, u din hi lacuna serja f'dan il-qasam, fil-gurisprudenza hu accettat li qabel jitkecca l-impjegat ghandu jinghata l-opportunita li jinstema' u jipprezenta l-posizzjoni tieghu lill-principal irrispettivament x'jipprovdi l-kuntratt ta' impieg. [...]
>
> 11. [...] Fil-fehma tal-Qorti, għal dak li jikkonċerna proċeduri dwar allegat tkeċċija inġusta, il-fatt biss li l-prinċipal ma jkunx segwa proċedura ta' dixxiplina stipulata f'kuntratt ta' impjieg, waħedha ma tissarrafx bilfors fi tkeċċija inġusta. Ovvjament hu mistenni minn

[30] *ibid*, paġna 451.

principal li jonora l-obbligi kuntrattwali tal-impieg u b'hekk jimplimenta l-procedura ta' dixxiplina stipulata fil-kuntratt qabel jiddeciedi x'ghandu jaghmel. Pero' l-kwistjoni m'ghandhiex tigi rizolta mill-ligi tal-kuntratt. [...]

12. Madankollu jista' jkun li n-nuqqas li l-impjegat jingħata l-opportunità biex jispjega ruħu dwar dak li jkun ġara u jressaq il-każ tiegħu twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li kien hemm tkeċċija inġusta. Dan għaliex in-nuqqas jista' jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-prinċipal ma kienx raġonevoli meta kkunsidra r-raġuni għat-tkeċċija bħala raġuni xierqa. Sabiex jiġi determinat jekk tkeċċija kinitx ġusta, irid jiġi determinat jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal kinitx raġonevoli fiż-żmien li ħa d-deċiżjoni ta' tkeċċija. Għalhekk nuqqas proċedurali hu wieħed mill-fatturi li t-Tribunal irid iqis meta jiġi biex jiddetermina jekk id-deċiżjoni tal-prinċipal kinitx raġonevoli. F'dak l-istadju t-Tribunal għandu jiddetermina per eżempju n-natura u l-gravità tal-aġir tal-impjegat li jkun wassal għat-tkeċċija; l-informazzjoni li fuqha bbaża d-deċiżjoni; u jekk kienx hemm iktar informazzjoni li l-prinċipal seta' akkwista wkoll permezz tal-proċeduri ta' dixxiplina.

13. Jista' jkun hemm każijiet li fihom infushom il-fatti tant huma ċari li prinċipal raġonevoli jista' a bażi ta' dawk il-fatti magħrufa fiż-żmien tat-tkeċċija, jadotta l-fehma li hi x'inhi l-ispjegazzjoni li jagħti impjegat, il-proċeduri ta' dixxiplina mhuma ser jagħmlu ebda differenza fid-deċiżjoni finali tiegħu. Hekk per eżempju jista' jkun li l-impjegat jammetti b'mod ċar mal-prinċipal li jkun wettaq att ta' *gross misconduct.* Jista' imbagħad ikun hemm każijiet fejn fiż-żmien tat-tkeċċija ma kienx raġonevoli li l-prinċipal ikeċċi lill-impjegat mingħajr ma l-impjegat jingħata l-opportunità biex jispjega, iżda imbagħad minn provi li jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal Industrijali jirriżulta li fil-fatt it-tkeċċija kienet altru milli ġustifikata. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dawk iċ-ċirkostanzi m'għandux ikun li l-impjegat jirċievi kumpens għat-tkeċċija. Fil-fehma tal-Qorti m'għandux ikun li t-Tribunal Industrijali jikkumpensa lil min kien jimmerita tkeċċija, għas-sempliċi raġuni li l-prinċipal ma jkunx segwa proċedura ta' dixxipina.

14. Ovvjament fuq in-naħa l-oħra hemm dawk il-każijiet fejn ikun jidher li l-prinċipal aġixxa b'mod ġust fid-deċiżjoni li jkeċċi lill-impjegat a bażi tal-fatti magħrufa minnu fiż-żmien tat-tkeċċija, iżda imbagħad minn fatti li jirriżultaw quddiem it-Tribunal Industrijali jirriżulta li l-

impjegat kien innoċenti. F'dawk il-każijiet in-nuqqas tal-prinċipal li jsegwi l-proċedura ta' dixxiplina ssir ferm rilevanti. Kieku jkun mod ieħor ikun ifisser li impjegat innoċenti m'għandux mezz li bih jottjeni rimedju, u dan m'għandux ikun. F'dak ix-xenarju d-deċiżjoni tal-prinċipal li jkeċċi lill-impjegat mingħajr ma jsegwi l-proċeduri ta' dixxiplina, timpinġi direttament fuq il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni ta' tkeċċija kinitx raġonevoli fiż-żmien li ttieħdet."

30. Ingħad li f'każ li prinċipal ikun irid itemm impjieg ta' xi ħaddiem l-ewwel obbligu primarju tiegħu hu wieħed ta' natura formali u proċedurali fis-sens li huwa għandu jikkomunika lill-impjegat ir-raġuni tat-terminazzjoni.[31] Fil-każ odjern jidher mill-provi li s-soċjetà konvenuta tat spjegazzjoni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi, però din il-Qorti trid tqis ukoll jekk ġietx segwieta xi proċedura. Huwa minnu li l-prinċipal m'huwiex Qorti jew Tribunal però kull deċiżjoni ta' tkeċċija għandha ssir biss wara li l-impjegat ikun ingħata ċans jiddefendi ruħu u jxejjen l-allegazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Kif tgħallimna l-ġurisprudenza anke jekk l-impjegat jinqabad *in flagrante* huwa xorta għandu jingħata l-opportunita' li jgħid il-verżjoni tiegħu qabel tittieħed deċiżżjoni jekk iċ-ċirkostanzi jimmeritawx tkeċċija.

31. Il-Qorti tosserva li l-kuntratt t'impjieg ma jiddelineja ebda proċedura speċifika li għandha tiġi segwita f'każ ta' terminazzjoni tal-impjieg. L-istess kuntratt jagħmel referenza għal manwal bl-isem Corporate Policy Guidelines li jifforma parti integrali mill-kuntratt t'impjieg. Dan id-dokument qatt ma ġie ppreżentat fil-proċeduri odjerni u għalhekk din il-Qorti ma hiex f'posizzjoni tgħid jekk tali manwal jinkludix fih il-proċedura dixxiplinarja li għandha s-segwi s-soċjetà konvenuta.

32. Mhux ikkontestat li l-attriċi ingħatat twissija formali dwar l-atteġġjament tagħha u dan anke ġiet ikkonfermata bil-preżentata tal-istess ittra ta' twissija. Ingħad iżda mis-soċjetà konvenuta li apparti t-twissija formali l-attriċi kienet ingħatat numru ta' twissijiet verbali.

33. Is-Sur Hunter ħalef li huwa ta twissija lill-attriċi minħabba l-atteġġjament tagħha u dan kien qabel ġie ffirmat it-tieni kuntratt. Skont l-istess, l-attriċi ingħatat twissijiet oħra minn diretturi oħra li huwa sar jaf bihom tramite laqgħat li saru qabel il-liċenzjament tal-attriċi, però ħalef ukoll fix-xhieda tiegħu li huwa ma kienx preżenti waqt dawk it-twissijiet. Mix-xhieda in

[31] Ara **Jackie Jordan vs. British High Commission** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2010.

kontro-eżami tas-Sinjura Hunter imbagħad ġie ppreċieżat li t-twissijiet ingħataw mis-Sur Hunter u minn Dr. Simeon Deguara. Nafu li s-Sur Hunter ta twissija waħda verbali, però din il-Qorti ma tafx kemm-il twissija ingħatat minn Dr. Simeon Deguara u dan għaliex ħadd mill-partijiet ma sejjaħlu bħala xhud. Din il-Qorti għalhekk lanqas ma tista' tkun żgura li verament ingħataw twissijiet minn Dr. Deguara. Is-Sinjura Hunter ikkonfermat ukoll li huma qatt ma żammew rendikont tat-twissijiet verbali li allegatament ingħataw.

34. Din il-Qorti tosserva tqis illi f'dawn iċ-ċirkostanzi kien indikat li jinżamm rendikont tat-twissijiet verbali li ingħataw lill-attriċi u anke li tiġi segwita proċedura fissa wara li tingħata twissija verbali bħal per eżempju tali twissija tiġi segwita b'korrispondenza elettronika li fiha l-prinċipal u d-dipartiment tar-riżorsi umani jiġu informati li ingħatat twissija informali, u fiha jiġi ikkupjat l-impjegat li tkun ingħatatlu t-twissija. Proċedura ferm sempliċi llum il-ġurnata bis-saħħa tat-teknoloġija.

35. It-terminazzjoni tal-impieg tal-attriċi segwiet laqgħa li saret fil-5 ta' Diċembru 2018 bejn il-kollegi tat-tim li kienet tifforma parti minnu l-attriċi, liema laqgħa jidher li ma saritx fil-preżenza tagħha. Din il-Qorti ma ġietx murija li l-attriċi ġiet informata b'tali laqgħa u lanqas ma jidher li ġiet informata bl-eżitu tagħha. Filwaqt li jidher u anke ikkonfermat mill-attriċi stess li hija kienet ġiet informata li għandha tagħti widen aktar lill-kollegi tagħha, però dan kien seħħ biss ġimgħa qabel din il-laqgħa. Fil-laqgħa li fiha ġiet informata li għanda tagħti widen lill-kollegi u ċioe l-laqgħa tas-26 ta' Novembru 2018, l-attriċi tgħid li hija ġiet informata li fi żmien ġimgħatejn kienet ser isir laqgħa oħra sabiex jiġi evalwat il-progress tagħha. Ġimgħatejn wara u ċioe fl-10 ta' Diċembru l-attriċi imbagħad ġiet imsejħa għal-laqgħa li fiha hija ġiet informata mill-ewwel li kien hemm kwistjonijiet dwar l-atteġġjament tagħha u  li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi terminat b'effett immedjat u waqt din il-laqgħa ingħatat l-ittra ta' tkeċċija. Tgħid li hija staqsit jekk kienx hemm mod kif tirrimedja s-sitwazzjoni però s-Sinjura Simms u s-Sinjura Hunter qalulha li ma kien hemm xejn li tista' tagħmel u li ġiet imkeċċija.

36. Is-Sur Hunter fil-korrispondenza datata 28 ta' Jannar 2019 għamel dikjarazzjoni li ma ġietx maħlufa minnu però minn din il-korrispondenza jidher li sar "*appeals meeting that ACV* [l-attriċi] *requested*". L-attriċi ma ssemmi xejn dwar din il-laqgħa però minn dak li jiddikjara s-Sur Hunter fl-istess korrispondenza jidher li ingħatat l-opportunità li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha: "*having attended the meeting I was shocked and*

*greatly saddened to listen ta' Aranca effectively admit that she no idea that her actions constituted bullying or even recognise that her colleagues were so upset and frightened by her actions. For me, seeing this at the appeals meeting reinforced the decision of the company to terminate ACV's employment.*"[32]

37. Jidher għalhekk li l-attriċi ingħatat opportunità tippreżenta l-pożizzjoni tagħha lill-prinċipal tagħha. Dan m'huwiex każ fejn min jimpjega naqas milli jagħti l-opportunità lill-impjegat jiddefendi l-posizzjoni tiegħu qabel min iħaddem jieħu deċiżżjoni.

38. Stabbilit illi l-attriċi ingħatat l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha qabel ittieħdet id-deċiżżjoni ta' tkeċċija, imiss issa li jiġi meqjus jekk ir-raġuni għat-terminazzjoni hijiex waħda ġusta.

**Raġuni għat-terminazzjoni**

39. **Artikolu 2 tal-Kapitolu 452** jipprovdi li

> ""tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser fost oħrajn
> (a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att,
> [...]
> (d) it-terminazzjoni mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss"

40. Filwaqt li l-liġi tipprovdi li terminazzjoni ta' kuntratt definit tista' ssir għal raġuni xierqa (it-text Ingliż "*good and sufficient reason*"), il-liġi taħt l-Artikolu 2 ma tagħmel ebda kwalifika ta' din ix-xorta għal kuntratt definit. Il-Qorti iżda issib li l-ewwel proviso tal-Artikolu 36 (14) jipprovdi li *"[...] l-prinċipal jista' jittermina kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun.*" In oltre għalkemm taħt l-Artikolu 2 wieħed ma jsibx definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi "raġuni valida u ġusta", it-tieni proviso tal-Artikolu 36 (14) isemmi istanzi ta' x'mhux raġuni valida u ġusta:

[32] Fol 84 tal-proċess.

"(a) illi l-impjegat fiż-żmien li ġie mibgħut kien membru ta' *trade union* jew qed ifittex l-inkarigu ta', jew qed jaġixxi bħala jew aġixxa bħala, ir-rappreżentant tal-impjegati; jew
(b) ħlief fil-każ ta' impjegat domestiku privat, illi l-impjegat ma jgawdix iżjed il-fiduċja tal-prinċipal; jew
(ċ) illi impjegat ikun iżżewweġ; jew
(d) illi impjegata tkun tqila b'tarbija jew tkun assenti mix-xogħol waqt il-*leave* għal maternità; jew
(e) illi l-impjegat kixef informazzjoni, konfidenzjali jew le, lil korp pubbliku regolatorju stabbilit, rigward attivitajiet allegatament illegali jew korrotti magħmula mill-prinċipal jew minn persuni li jaġixxu f'isem u fl-interessi tal-prinċipal; jew
(f) illi l-impjegat ppreżenta ilment jew qiegħed jieħu sehem fi proċeduri kontra l-prinċipal li jinvolvu l-allegat ksur ta' liġijiet jew regolamenti jew illi l-impjegat irrikorra għand l-awtoritajiet kompetenti amministrattivi; jew
(g) li n-negozju li fih jaħdem l-impjegat għadda minn trasferiment ta' proprjetà, sakemm ma jipprovax li t-temm tal-impieg hu meħtieġ għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni, li jirrikjedu bidliet fl-għadd ta' ħaddiema"

41. In tema legali din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Ian Xuereb vs. Maltapost plc** mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2009 fejn ġie mfisser li:

"In mertu ghall-kuncett tal-kawza gusta ghar-rizoluzzjoni tar-rapport tax-xoghol din il-Qorti kellha aktar minn okkazjoni wahda tesprimi ruhha bil-mod illustrat hawn taht:-

(1) Il-kuncett "hu ravvizat f'dawk il-fatti u komportamenti li jwasslu ghat-telf ta' fiducja in kwantu din tikkostitwixxi l-presuppost essenzjali ta' rapport bhal dan. Il-kawza gusta trid allura tirrivesti l-karattru ta' nuqqasijiet gravi f'dan l-istess rapport. Il-valutazzjoni dwarha trid tigi operata b'riferiment ghall-aspetti konkreti tal-kaz, il-portata soggettiva u oggettiva tal-fatt innifsu, il-motiv ta' l-element intenzjonali u kull aspett iehor korrelatat ma' l-elementi tar-rapport" ("**Anthony Pullicino -vs- Devlands Ltd**", 28 ta' Frar, 2008);

[...]

(3) “Naturalment, kull kaz irid jigi konsiderat fuq l-istregwa tal-fattezzi specifici tieghu. L-importanti hu li l-valutazzjoni okkorrenti ma ghandhiex issir b’riferiment ghall-fatti astrattament konsiderati imma, pjuttost, ghall-aspetti konkreti, skond in-natura tar-rapport ta’ impjieg, il-posizzjoni tal-partijiet, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu u tac-cirkostanzi li taw lok ghalih, il-motivi, l-ezistenza ta’ xi element intenzjonali jew kolpuz u dak tal-grad tieghu, u in generali kull aspett iehor korrelatat mar-rapport. Barra minn dan jokkorri li jigi evalwat minn naha l-wahda l-gravita` tal-fatt addebitat lill-impjegat u, minn naha l-ohra, il-proporzjonalita` bejn l-istess fatt u s-sanzjoni dixxiplinarja inflitta” (“**Joseph Mercieca -vs- Water Services Corportation**”, 27 ta’ Frar, 2009);

[…] “Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita` tan-nuqqas; s’intendi, valutata fl-entita` taghha soggettiva u oggettiva” (“**Charlot Scerri -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd**”, Appell Inferjuri, 1 ta’ Marzu, 2006);

42. Din il-Qorti tqis li għandu jkun hemm proporzjonalità bejn l-offiża u l-miżura dixxiplinarja. Tal-istess fehma kien it-Tribunal Industrijali fil-kawża **Marlon Mallia vs. Methode Electronics Malta Limited** mogħtija fis-16 ta’ Frar 2023:

“4. L-aġir irresponsabbli, ta’ sfida, u ardir tal-rikorrent lejn is-superjur tiegħu, kemm fl-incident meta wieġeb it-telefonata u, aktar u aktar, meta inkorla mas-superjur tiegħu, liema aġir huwa kkundannat bla riserva mit-Tribunal, ikkontribwixxa għat-tkeċċija u, jekk it-Tribunal isib a favur tar-rikorrent, tali kontribut għandu jitqies, meta t-Tribunal jistabilixxi l-ammont tal-kumpens, peress illi r-rikorrent għandu jġorr il-konsegwenza ta’ għemilu.

5. Ir-rikorrent ammetta li żbalja u kien lest illi jiffirma twiddiba miktuba b’mod, skont hu, mhux ambigwu.

6. It-Tribunal jeħtieġ illi jkun konvint illi l-aġir tar-rikorrent kien hekk gravi li jiggustifika l-aktar miżura dixxiplinarja ħarxa u fl-istess waqt jonora l-prinċipju tal-proporzjonalità tal-miżura dixxiplinarja versu l-offiża speċjalment f’qafas fejn is-soċjetà soltu tfittex post alternattiv f’taqsima oħra tas-soċjetà għall-impjegat illi tilef il-fiduċja tas-superjur tiegħu.”

43. Fil-każ odjern ġie mfisser mis-soċjetà konvenuta li r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija kienu dixxiplinarji, li kienu jikkonċernaw aġir u attitudni inaċċettabbli mill-attriċi għas-soċjetà konvenuta. L-attriċi tkeċċiet wara l-ewwel twissija bil-miktub.

44. It-twissija formali saret wara li l-attriċi kellha tilwima ma' kollega tagħha s-Sinjura Wilk. Il-Qorti tosserva, li a kuntrarju ta' dak magħdud f'paragrafu 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta (fol 141) l-akkadut bejn l-atriċi u Wilk issemma wkoll mis-Sinjura Hunter fix-xhieda tagħha: "*On the 27 September 2018 we had further been informed by our QA/QC and Health and Safety Officer Weronika M. Wilk that an incident had occurred whereby Aranca had acted in a really peculiar manner. This was essentially the first time that (it looks like) she had a Major melt-down. […] This all happened, I later found out, because of Aranca's refusal to let Mark Vella (an employee of Levo Laboratories who supply and Service some of our equipment) enter one of the laboratories.*"[33] Dwar dan il-fatt m'hemmx kontestazzjoni. In oltre ġiet ippreżentata minn Lisa Hunter mal-affidavit tagħha email li bagħtet Wilk stess fis-27 ta' Settembru 2018 fit-14:45 lil Dr Deguara li taqra hekk: "*Today Mark came to place the scale in the microbiology lab and calibrate it. Aranca''s behaviour was not acceptable in relative to Myrto, myself and Mark. Screaming and locking herself in the lab instead to normally behave.'*'[34] Is-Sinjura Wilk ma ssejħitx biex tixhed mis-soċjeta' konvenuta.

45. Apparti twissija formali, kif spjegat aktar 'l fuq, ingħad mis-Sinjura Hunter li ingħataw diversi twissijiet verbali mis-Sur Hunter kif ukoll minn Dr. Deguara. Filwaqt li Dr. Deguara qatt ma tressaq bħala xhud minn ebda parti u għalhekk m'hemm ebda konferma ta' din l-allegazzjoni magħmul mis-soċjetà konvenuta, is-Sur Hunter qal li huwa kien wissiha darba:

> "*asked about the verbal warning I refer to, asked what warning has been given by whom and what was the one given by myself related to, I reply that I was not present when the other warning were given – one was by another director Dr. Simeon Deguara and another was given by someone else but don't have records with me. I know this through discussions held with these people before the dismissal. I don't know the chronology of these warnings but there were discussed before the*

[33] Fol 60 tal-proċess.

[34] Fol 66 tal-proċess.

*final meeting with the plaintiff. Asked if I had spoken to the plaintiff or given her a warning, I reply that I spoke to her after a particular incident where I told her that an issue had cropped up again despite her promises to change ger attitude. Asked if this was before or after I gave her the second contract, I reply that these warning were given before the second contract*."[35]

46. Kif ġa ritenut minn din il-Qorti aktar 'l fuq, rendikont tal-allegat twissijiet verbali ma nżammux u dan kif ikkonfermat mis-Sinjura Hunter waqt ix-xhieda tagħha: "*asked whether we have any record of verbali warnings I reply no. A lot of these verbali warnings were given by Shane Hunter and Simeon Deguara. Asked if therefore I am referring to what these directors told me – I confirm. I was not present*."[36]

47. Il-Qorti tara li kien hemm inkonsistenza fix-xhieda tas-Sinjur Hunter u tas-Sinjura Hunter. Meta s-Sur Hunter ġie mistoqsi jispeċifika x'ried ifisser meta jgħid li l-attriċi kienet tabbuża b'mod verbali lill-kollegi tagħha, huwa jgħid hekk "I *don't remember the specifics but it was in the sense that she was going to make their life hell by giving them weekend shifts, not approving their leave or making their leave difficult*."[37] Min-naħa tagħha s-Sinjura Hunter "*asked where I mention that the plaintiff was not a supervisor or manager whether in reaslity she was carrying out the role of a supervisor or manager I reply that I do not agree with this. There was Dr. Simeon Deguara who was the Department Manager for her Department. She did not have the managerial responsibility to take decisions for the other staff*."[38] Għalhekk jekk l-attriċi ma kinitx tagħmel xogħol amministrattiv għaliex kien responsabbiltà ta' Dr. Simeon Deguara, ma jistax ikun lanqas li kienet tagħti *shifts* fi tmiem il-ġimgħa jew li ma tapprovax sahra.

48. M'hemmx dubju li s-superjuri tal-attriċi kellhom kull dritt jiġbdu l-attenzjoni tal-impjegata tagħhom sabiex tonora il-*policies* tas-soċjetà konvenuta. Ingħad mis-Sur Hunter fil-korrispondenza elettronika tiegħu tat-28 ta' Jannar 2019 fejn għamel referenza għal *Corporate Policy Guidelines* u għall-allegat fatt li l-istess manwal jipprovdi li "*harassment and bullying of staff will not be tolerated under any circumstances.*"[39]

---

[35] Fol 96 tal-proċess.
[36] Fol 101 tal-proċess.
[37] Fol 97 tal-proċess.
[38] Fol 101 tal-proċess.
[39] Fol 84 tal-proċess.

49. Fuq il-post tax-xogħol m'għandu jkun hemm ebda forma ta' *bullying*, la mill-prinċipal vis-a-vis l-impjegati u lanqas l-impjegati bejniethom irrispettivament tal-grad minnhom miżmum fil-kumpanija. Ir-rispett huwa prinċipju bażilari f'kull post tax-xogħol u fuq kollox fis-soċjetà in ġenerali. Is-soċjetà konvenuta kważi kważi tinsisti li l-atteġġjament tal-attriċi kien wieħed ta' *bullying*, tant li anke fl-ittra ta' terminazzjoni ingħad li "*At AquaBioTech we do not tolerate bulling in any form*."[40]

50. *Bullying* huwa att li jikkawża ħsara lil ħaddieħor, u jista' jinvolvi fastidju verbali, theddid verbali jew mhux verbali, attakk fiżiku, *stalking*, jew metodi oħra ta' sfurzar bħal manipulazzjoni, rikatt, jew estorsjoni. Hija imġieba aggressiva li għandha l-intenzjoni li tweġġa, thedded jew tbeżża persuna oħra.

51. Għalkemm din l-azzjoni hija bejn partijiet privati u m'hemm ebda involviment tas-servizz pubbliku, il-Qorti xorta tqis li jkun relevanti ssir referenza għad-definizzjoni mogħtija għal *bullying* fis-servizz pubbliku: "*Bullying occurs when an individual experiences persistent negative behaviour, ranging from negative verbal comments to negative physical contact, which could psychologically, emotionally or physically hurt or isolate that person at the workplace. It usually involves repeated incidents, or a pattern of behaviour intended to intimidate, offend, degrade or humiliate a particular person or group of people. It may also be described as the assertion of power through aggression*."[41]

52. Il-liġi Maltija dwar ix-Xogħol ma tagħmilx referenza diretta għal *bullying* però tipprovdi dwar *harassement.* Il-fatt waħdu li l-liġi Maltija ma ssemmi xejn dwar *bullying* ma jfissirx li jekk kommess minn impjegat ma jwassalx għal sanzjonijiet ta' dixxiplina inkluż terminazzjoni tal-impieg.

53. Filwaqt li l-Qorti tqis li l-atteġġjament tal-attriċi lejn il-kollegi tagħha ħoloq diżaġju fuq il-post tax-xogħol, fl-istess ħin is-soċjetà konvenuta naqset milli tressaq provi konvinċenti li verament kien kommess *bullying* mill-attriċi. Fl-ordnijiet li l-attriċi kienet tagħti lis-subalterni tagħha l-Qorti ma tirriskontrax l-elementi ta' *bullying*. Lanqas fl-inabilita li tippjana il-ġurnata tax-xogħol tagħha. Il-Qorti tagħmel referenza għal

[40] Fol 7 tal-proċess.
[41]https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/People-Support-Wellbeing/Policies%20and%20Guidelines/EmployeeWellbeingAHarassmentandBullyingFreeWorkplace.pdf ħolqa aċċessata fl-20 ta' Diċembru 2023.

dawn proprju għaliex huma l-kwistjonijiet li jidher li qamu waqt il-laqgħa li kien hemm fil-5 ta' Diċembru 2018 bejn il-kollegi tal-attriċi. La s-Sur Hunter, la s-Sinjura Hunter u lanqas is-Sinjura Georopoulo qatt kienu preżenti għall-allegat atteġjament tal-attriċi. Filwaqt li s-Sinjura Georopoulo tgħid li kien hemm istanzi fejn l-attriċi kienet tgħid li l-kollegi tagħha *"could not do anything but that she had to do everything herself"*[42] is-Sinjuri Hunter qatt ma rat jew semgħat direttament l-allegazzjonijiet magħmula minn żewġ mill-kollegi tal-attriċi.

54. Fil-fehma tal-Qorti it-tkeċċija tal-attriċi ma kinitx waħda proporzjonata. Għalkemm l-aġir tal-attriċi fil-konfront tal-kollegi tagħha wera nuqqas ta' rispett, l-istess aġir ma kellux iwassal għat-tkeċċija. Din il-Qorti hi tal-fehma illi filwaqt li fiċ-ċirkostanzi kif irriżultw f'dawn il-proċeduri s-soċjetà konvenuta kienet intitolata li tieħu miżuri dixxiplinarja dwar dak li ġie ppruvat, fl-istess ħin tqis illi ma kellhomx iwasslu għas-sanzjoni estrema tat-tkeċċija mix-xogħol.

55. Is-soċjetà konvenuta setgħet issospendiet lill-attriċi għal perjodu ta' żmien b' nofs paga[43]; setgħet ordnat lill-attriċi tattendi laqgħat ma' professjonist appożitu sabiex jgħina fil-komportament tagħha; setgħet ukoll tagħta t-tieni twissija formali u tagħmilha ċara li kienet ser tkun l-aħħar twissija, setgħet semai tiġi trasferita għal qasam ieħor jew ibidlulha l-membri tat-tim. Apparti wkoll li Georopoulo, assistenta tad-Direttur għar-Riżorsi Umani, tgħid li l-attriċi ammettiet magħha li kienet stressjata. Ma jidhirx li s-soċjetà konvenuta għamlet xi ħaġa sabiex tgħina f'dan ir-rigward nonostante li kienet taf b'dan il-fatt. M'hemmx għalfejn jingħad li l-istress jikkawża atteġġjament negattiv li jaffettwa lmhux biss il-persuna li tintlaqat mill-istress iżda wkoll lil dawk ta' madwarha.

56. Mill-atti jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li x-xogħol li kienet tagħmel l-attriċi fl-interess tas-soċjeta' konvenuta kien ta' l-aqwa livell u bħala tali ġie rikonoxxut mis-soċjeta' konvenuta. F'ċirkostanzi bħal dawn min iħaddem għandu jiżen it-tajjeb versu l-ħażin fl-imġieba tal-impjegat.

57. Ingħad fil-ktieb **"*The Law of Unfair Dismissal*"** ta' **Steven D Anderman** (it-tielet edizzjoni, paġna 143) li "*Any important circumstance that mitigates the fault of the employee or otherwise calls into question the*

---

[42] Fol 106 tal-proċess.
[43] Ara s-sanzjoni meħuda mis-soċjetà AquaBio Tech Ltd fil-kawża **AquaBio Tech Ltd vs. Giorgi Antevski** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'Ottubru 2021.

*wisdom of dismissal should be taken into account in any reasonable decision to dismiss: for example, an employee's past record of good service, an explanation or excuse, provocation or inadvertence, a lowering of standards induced by the employment setting or the extent to which management by its own action or inaction was itself partly to blame for the employee's alleged deficiencies*."[44]

58. Is-Sinjuri Hunter insistew li l-attriċi kienet tajba ħafna fix-xogħol tagħha u dejjem kellhom kliem ta' tifħir f'dan ir-rigward. Anke kollegi oħra kellhom kliem ta' tifħir fosthom Ines Pimparel u dan jidher mill-korrispondenza elettronika bil-minuti tal-laqgħa mibgħuta fis-26 ta' Novembru 2018: "*I would like to say that you are an excellent worker (as both me and Pamela told you in the meeting). I am very proud of the work we did for the EnviGuard project. I received a lot of compliments*."[45] Nonostante dan il-fatt, is-soċjetà konvenuta donna qieset biss l-allegat atteġġjament negattiv fil-konfront tal-kollegi. Għajr għall-allegazzjonijiet fuq imsemmija ma jidhirx li kien hemm kwistjonijiet oħra li setgħu flimkien mal-allegazzjonijiet fuq imsemmija wasslu sabiex it-tkeċċija tiġi meqjusa bħala waħda ġustifikata.

59. Il-Qorti għaldaqstant tasal sabiex tikkonkludi li l-liċenzjament tal-attriċi mis-soċjetà konvenuta ma kienx ġustifikat u konsegwentement is-soċjeta' konvenuta kisret il-kuntratt tax-xogħol li kellha mal-attriċi.

**Kumpens**

60. Mill-kuntratt t'impjieg jirriżulta li l-attriċi kellha salarju gross ta' €21,076.56 fis-sena. L-**Artikolu 36 (11) tal-Kapitolu 452** jipprovdi li meta l-prinċipal itemm l-impjieg, huwa għandu "jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem."

61. L-attriċi kien jonqosha 21 xahar u 21 ġurnata sabiex il-kuntratt t'impjieg jiġi fi tmiemu. Ai termini tas-subartikolu sukwotata, l-attriċi jmissa nofs is-salarju li kienet ser idaħħal f'dawk ix-xhur:

$$\left(\frac{€21{,}076.56}{12} \times 21 \ = €36{,}883.98\right) + \left(\frac{€21{,}076.56}{356} \times 21 \ = €1{,}243.28\right)$$

[44] Kif kwotat mit-Tribunal Industrijali fil-kawża fl-ismijiet **Ian Xuereb vs. Maltapost plc** deċiża fit-18 ta' Frar 2009.
[45] Fol 74 tal-proċess.

$$= €38{,}127.26$$

$$\frac{€38{,}127.26}{2} = €19{,}063.63$$

62. Il-Qorti għalhekk tillikwida l-kumpens fis-somma ta' dsatax il-elf, u tlieta u sittin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€19,063.63).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta,

2. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara li s-soċjetà konvenuta kissret il-kuntratt definit t'impjieg tal-attriċi meta t-terminat l-istess kuntratt mingħajr raġuni valida u ġusta u hija għalhekk responsabbli għal ħlas ta nofs il-paga illi l-attriċi kienet tipperċepixxi li kieku dan ma sarx u l-kuntratt ġie maħdum kollu;

3. **Tilqa'** t-tieni, tillikwida l-imsemmija nofs il-paga fl-ammont ta' dsatax il-elf, u tlieta u sittin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€19,063.63).

4. **Tilqa**' it-tielet talba, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' dsatax il-elf, u tlieta u sittin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€19,063.63) flimkien mal-imgħax legali kif mitlub.

**Spejjeż** a karigu tas-soċjetà konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Frar, 2024

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**